# NEWSLETTER

ISSUE 01 - DECEMBER 2020

## Żewġ kisbiet importanti mill-MPE Josianne Cutajar f'oqsma importanti għall-pajjiżna.



Fl-aħħar sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew għal din is-sena ttieħed b'suċċess il-vot dwar ir-rapport li kienet ilha taħdem fuqu l-Ewroparlamentari Laburista Josianne Cutajar sa minn kmieni din is-sena - dak dwar l-Istrateġija Ewropea għan-Negozji Żgħar u Medji.

***<u>Dan wara vot b'saħħtu aktar kmieni din is-sena fil-Kumitat tal-Industrija.</u>***

L-istrateġija għan-Negozji Żgħar u Medji hija waħda mill-aktar kruċjali għall-eluf ta' negozji madwar l-Ewropa kollha, inkluż dawk f'Malta u f'Għawdex. Din mistennija tgħin ukoll lill-eluf ta' ħaddiema dipendenti minnhom u magħhom il-familji tagħhom.

Bħala n-negozjatriċi f'isem is-Soċjalisti u d-Demokratiċi, Dr Cutajar kellha rwol ewlieni sabiex jidħlu diversi emendi bżonnjużi u kruċjali għall-irkupru tas-settur tal-intrapriżi żgħar u medji fix-xhur li ġejjin, kif ukoll għat-tisħiħ tagħhom lil hinn pandemija.

L-MPE Josianne Cutajar hija determinata li taħdem aktar bil-qawwa biex jiġi assigurat li l-intrapriżi żgħar u medji tagħna, f'Malta u fl-Ewropa, jerġgħu jqumu fuq saqajhom u jibdew jikkompetu fis-suq bħal qabel.

Intant Dr. Cutajar inħatret ukoll Chairperson tal-Grupp ta' Ħidma importanti dwar it-Turiżmu, l-Ivjaġġar u l-Mobilità tal-SME Connect. Dan il-Grupp ta' Ħidma jiġbor taħtu eluf ta' atturi diversi fis-settur li jaħdmu fil-qasam tan-negozji żgħar u medji.

Dr Cutajar qed twettaq ukoll ħidma kontinwa f'dawn is-setturi importanti għall-gżejjer Maltin u Għawdxin, permezz tax-xogħol tagħha fi ħdan it-Taskforce għat-Turiżmu fil-Parlament Ewropew.



JOSIANNE CUTAJAR

# Appoġġ Lin-Negozji Lokali F'dan Il-Milied

*L-appell ta' Dr. Josianne Cutajar għal dan il-Milied hu wieħed:* ***ejja flimkien ngħinu lin-negozi lokali Maltin u Għawdxin.***

Mal-bidu tal-pandemija dawn in-negozji u magħhom il-ħaddiema u l-familji batew ħafna u għalhekk bi ftit appoġġ min-naħa tagħna lkoll, ngħinuhom ħafna.

Bħala parti mill-appell tagħha Go4Local, iltaqgħet ma' diversi minn dawn in-negozji kemm f'Ta' Dbieġi f'Għawdex u f'Ta' Qali, fejn fuq fommhom kellhom sentiment wieħed **"Iġri nerġgħu niġu lura għan-normal."**

Jekk dan il-Milied lkoll nikontribwixxu lejn l-ekonomija lokali, anke permezz ta' xiri ta' rigali lill-għeżież tagħna, inkunu qed ngħinu lil xulxin sabiex inkomplu ndawru r-rota u biex ngħinu lin-negozji lokali u dawk dipendenti fuqhom jibqgħu fuq saqajjhom.







## AWGURI!

Segwi l-messaġġ pożittiv u ta' tama tal-Ewroparlamentari Maltija Josianne Cutajar għal dan il-Milied u s-Sena 2021.

**FLIMKIEN, B'NAQRA OĦRA SAGRIFIĊĊJU, NOĦORĠU MINN DAN IŻ-ŻMIEN REBBEĦIN.**

SEGWI HAWNHEKK

S&D